



Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara invalida d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li l-Istati Uniti jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita

Filwaqt li hija l-Qorti tal-Ġustizzja biss li għandha l-ġurisdizzjoni li tiddikjara l-invalidità ta' att tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni, li quddiemhom titressaq talba, jistgħu, anki meta jkun hemm deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li pajjiż terz joffri livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali, jeżaminaw jekk it-trasferiment tad-data ta' persuna lejn dan il-pajjiż josservax ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' din id-data u jistgħu jressqu azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali, fl-istess kwalità bħall-persuna kkonċernata, sabiex dawn iressqu talba għal deċiżjoni preliminari għall-finijiet tal-eżami tal-validità ta' din id-deċiżjoni

Id-Direttiva dwar l-ipproċessar tad-data personali¹ tipprovdi li bħala prinċipju t-trasferiment ta' tali data lejn pajjiż terz jista' jsir biss jekk il-pajjiż terz inkwistjoni jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' din id-data. L-istess direttiva tipprevedi wkoll li l-Kummissjoni tista' tikkonstata li pajjiż terz jiżgura, permezz tal-liġi domestika tiegħu jew tal-impenji internazzjonali li jkun daħal għalihom, livell adegwat ta' protezzjoni. Fl-aħħar nett, id-direttiva tipprevedi li kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità pubblika waħda jew iktar li jkunu inkarigati mis-sorveljanza tal-applikazzjoni, fit-territorju tiegħu, tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati abbażi tad-direttiva ("awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni").

Maximillian Schrems, ċittadin Awstrijak, ilu juża Facebook sa mill-2008. Bħall-abbonati l-oħra residenti fl-Unjoni, id-data pprovduta minn M. Schrems lil Facebook tiġi ttrasferita, totalment jew parzjalment, mill-kumpannija sussidjarja Irlandiża ta' Facebook lejn servers li jinsabu fit-territorju tal-Istati Uniti, fejn tiġi pproċessata. M. Schrems ressaq ilment quddiem l-awtorità Irlandiża ta' superviżjoni, li fiha qies li fid-dawl tar-rivelazzjonijiet magħmula fl-2013 minn Edward Snowden dwar l-attivitajiet tas-servizzi tal-informazzjoni tal-Istati Uniti (b'mod partikolari n-National Security Agency jew "NSA"), id-dritt u l-prattiki tal-Istati Uniti ma joffrux protezzjoni suffiċjenti kontra s-sorveljanza, mill-awtoritajiet pubbliċi, tad-data ttrasferita lejn dan il-pajjiż. L-awtorità Irlandiża ċaħdet l-ilment, b'mod partikolari għaliex fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2000², il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest tal-iskema msejħa ta' "port salv"³, l-Istati Uniti jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita.

Il-High Court of Ireland (il-qorti għolja tal-ġustizzja, l-Irlanda), li quddiema tressqet il-kwistjoni, tixtieq tkun taf jekk l-effett ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni huwiex li awtorità nazzjonali ta' superviżjoni hija prekluziva milli tinvestiga lment li jallega li pajjiż terz ma jiżgurax livell adegwat ta' protezzjoni u, jekk ikun il-każ, milli tissospendi t-trasferiment ikkontestat ta' data.

¹ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355)

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/520/KE, tas-26 ta' Lulju 2000, skond id-Direttiva 95/46/EC[KE] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adeqwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 16, Vol. 1, p. 119).

³ L-iskema ta' port salv tinkludi serje ta' prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data personali li magħhom jistgħu jaderixxu volontarjament l-impriżi Amerikani.

Fis-sentenza tal-Ilum, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **I-eżistenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni** li tikkonstata li pajjiż terz jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali ttrasferita **ma tistax ixxejjen u lanqas ma tista' tnaqqas is-setgħat li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza** għandhom abbażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tad-direttiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ggarantit mill-Karta kif ukoll il-missjoni fdata f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni abbażi tal-istess Karta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tibda billi tqis li l-ebda dispożizzjoni tad-direttiva ma tipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni milli jissuperviżjonaw it-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi li kienu s-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk, **anki jekk ikun hemm deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni**, li quddiemhom titressaq talba, **għandhom ikunu jistgħu jeżaminaw, b'indipendenza sħiħa, jekk it-trasferiment tad-data ta' persuna lejn pajjiż terz josservax ir-rekwiżiti imposti mid-direttiva**. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li hija biss għandha l-ġurisdizzjoni li tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni, bħal deċiżjoni tal-Kummissjoni. Konsegwentement, meta awtorità nazzjonali jew il-persuna li ressqet it-talba quddiem l-awtorità nazzjonali tqis li deċiżjoni tal-Kummissjoni hija invalida, din l-awtorità jew din il-persuna għandha tkun tista' tressaq kawża quddiem il-qorti nazzjonali sabiex, fil-każ li anki huma jkollhom dubji dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ikunu jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja. **Għalhekk, hija fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi jekk deċiżjoni tal-Kummissjoni hijex valida jew le.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja wara dan tivverifika l-validità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2000. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Kummissjoni kellha tikkonstata li l-Istati Uniti kienu effettivament jiżguraw, permezz tal-liġi domestika tagħhom jew tal-impenji internazzjonali li jkunu daħlu għalihom, livell ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali sostanzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fi f'dan l-Unjoni skont id-direttiva, moqrija fid-dawl tal-Karta. Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-Kummissjoni ma għamlitx tali konstatazzjoni, iżda sempliċement eżaminat l-iskema ta' port salv.

Issa, mingħajr ma jkun meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk din l-iskema tiżgurax livell ta' protezzjoni li huwa essenzjalment ekwivalenti għal dak iggarantit fl-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li din hija applikabbli biss għall-impriżi Amerikani li jaderixxu magħha, mingħajr ma l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Uniti ma huma suġġetti għaliha. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti relatati mas-sigurtà nazzjonali, mal-interess pubbliku u mal-osservanza tal-liġijiet tal-Istati Uniti jieħdu l-preċedenza fuq l-iskema ta' port salv, tant li l-impriżi Amerikani huma obbligati li **ma japplikawx, mingħajr limiti, ir-regoli ta' protezzjoni previsti f'din l-iskema, meta dawn ikunu kunfliġġenti mal-imsemija rekwiżiti**. Għalhekk, l-iskema Amerikana ta' port salv tippermetti interferenzi, mill-awtoritajiet pubbliċi Amerikani, għad-drittijiet fundamentali tal-persuni, u dan jirriżulta mill-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni la ssemmi l-eżistenza, fl-Istati Uniti, ta' regoli intiżi li jlimitaw dawn l-eventwali interferenzi u lanqas l-eżistenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kontra dawn l-interferenzi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li din l-analiżi tal-iskema hija kkonfermata minn żewġ komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni⁴, li minnhom jirriżulta b'mod partikolari li l-awtoritajiet tal-Istati Uniti setgħu jaċċedu għad-data personali ttrasferita mill-Istati Membri lejn dan il-pajjiż u setgħu jipproċessawha b'mod inkompatibbli mal-għanijiet tat-trasferiment tagħha u li jmur lil hinn minn dak li kien strettament neċessarju u proporzjonat għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kkonstatat li għall-persuni kkonċernati ma kinux jeżistu rimedji amministrattivi jew ġudizzjarji li jippermettulhom, b'mod partikolari, jiksbu aċċess għad-data li tirrigwardahom u, jekk ikun il-każ, li jiksbu r-rettifika jew it-tħassir tagħha

Fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal-libertajiet u għad-drittijiet fundamentali ggarantiti fi f'dan l-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata **li, fid-dritt tal-Unjoni,**

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "Il-Bini mill-Ġdid tal-Fiduċja fil-Flussi tad-Dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti" (COM(2013) 846 finali, 27 ta' Novembru 2013) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-isfera ta' sikurezza [port salv] mill-perspettiva taċ-ċittadini tal-UE u tal-kumpaniji stabbiliti fl-UE (COM(2013) 847 finali, 27 ta' Novembru 2013).

leġiżlazzjoni ma tkunx limitata għal dak li huwa strettament neċessarju meta b'mod ġenerali din tawtorizza ż-żamma tad-data kollha personali tal-persuni kollha li d-data tagħhom tiġi ttrasferita mill-Unjoni lejn l-Istati Uniti mingħajr ebda distinzjoni, limitu jew eċċezzjoni skont l-għan imfittex u mingħajr ma jiġu previst kriterju oġġettiv li jippermetti li jiġu stabbiliti l-limiti tal-aċċess tal-awtoritajiet pubbliċi għad-data u tal-użu ulterjuri tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli tgħid li leġiżlazzjoni li tippermetti li l-awtoritajiet pubbliċi jaċċedu, b'mod ġeneralizzat, għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandha titqies li **tikkawża preġudizzju għall-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata.**

Bl-istess mod il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li leġiżlazzjoni li ma tipprevedi ebda possibbiltà li individwu jeżerċita rimedji legali sabiex ikollu aċċess għal data personali li tikkonċernah, jew sabiex ikun jista' jikseb ir-rettifika jew it-tħassir ta' tali data, **tikkawża preġudizzju għall-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva**, fejn tali possibbiltà hija inerenti għall-eżistenza tal-istat tad-dritt.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2000 iċċaħħad lill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni mis-setgħat tagħhom, fil-każ fejn persuna tikkontesta l-kompatibbiltà tad-deċiżjoni mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **I-Kummissjoni ma kellhiex il-kompetenza li tirrestrinġi b'dan il-mod is-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Lulju 2000 hija **invalida. Il-konsegwenza ta' din is-sentenza hija li l-awtorità Irlandiża ta' superviżjoni għandha teżamina l-ilment ta' M. Schrems bid-diliġenza kollha meħtieġa u li hija għandha, wara l-investigazzjoni tagħha, tiddeċiedi jekk għandix, abbażi tad-direttiva, tissospendi t-trasferiment tad-data tal-abbonati Ewropej ta' Facebook lejn l-Istati Uniti minħabba li dan il-pajjiż ma joffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali.**

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li l-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106